MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' Settembru, 2012

Numru. 902/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa`]**
**[Spettur Roderick Agius]**

**vs**

**Angelo Tanti**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Angelo Tanti detentur tal-karta tal-identita` numru 421161(M).

Akkuzat talli:
1. talli fid-9 ta' Awissu 2012 jew fil-jiem ta' qabel, mill-fond 91, La Vita, Triq il-Kuncizzjoni, Zurrieq, ikkommetta serq ta' diversi cekkijiet tal-Bank of Valletta mahruga fuq kont bankarju numru 40015219914 bi hsara ta' Andrew u Theresa konjugi Vassallo, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u bil-lok;

2. kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Awissu 2012 u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, u cioe sabiex jaghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u dan rigward cekkijiet tal-Bank of Valletta bin-numri 102, 103, 104, 106, 107 u 108, kollha mahruga fuq kont bankarju bin-numru 40015219914;

3. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta' bank privat, falza, u dan rigward cekkijiet tal-Bank of Valletta bin-numri 102, 103, 104, 106, 107 u 108, kollha mahruga fuq kont bankarju bin-numru 40015219914;

4. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Gaetano Caruana Limited (C 6180), Raymond Mallia ta' Ralph Industrial Supplies ta' Santa Venera, Carlo Cini Limited (C 37429), Christopher Vassallo ta' Bargain Tool Shop ta' Hal-Qormi, Ventur Motors Centre Company

Limited (C 29117) u/jew Andrew u Theresa konjugi Vassallo u/jew Bank of Valletta plc, u dan rigward cekkijiet tal-Bank of Valletta bin-numri 102, 103, 104, 106, 107 u 108, kollha mahruga fuq kont bankarju bin-numru 40015219914;

5. u aktar talli b'hekk sar recidiv a terminu ta' l-Artikoli 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datati 29 ta' April 2010, 20 ta' Mejju 2010, 5 ta' Mejju 2011, 2 ta' Gunju 2011, 3 ta' Novembru 2011, 19 ta' April 2012, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

6. kif ukoll talli b'hekk ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza taghha ta' nhar it-2 ta' Gunju 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

7. u aktar talli b'hekk kiser il-provedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fid-19 ta' April 2012.

Rat il-fedina penali tal-imputat;

Rat li l-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu; u

Rat illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u ghalhekk ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija fis-sentenza moghtija.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 49, 50, 261, 268(d), 269(g), 281(a), (b), 18, 42(a), 183, 184, 308, 309, 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat Angelo Tanti hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li t-tielet akkuzat tigi assorbita fit-tieni akuza u tikkundannah ghal tlett (3) snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------